# it-Triq

Novembru 2008 — Nru. 346

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org




# ‘Smajthom jitkellmu fil-break …’

## (Ħsieb fuq il-qoxra ta’ barra)



Kont f’kamra viċin u smajthom jitkellmu waqt il-ħin tal-break. Smajt lil Kevin igħid lil Sara: ‘Issa ngħiduha kif inhi Sara. Inti s-siġra hemm barra qed taraha hux? Anki dawk it-twieqi u l-bibien tad-djar t’hemm qed tarahom hux?’ Rajtu jipponta lejn it-tieqa ta’ l-uffiċċju fejn kienu qed jieħdu l-lunch tagħhom.
‘Allura?’ wieġbet Sara. U Kevin reġa’ staqsa għal darb’oħra: ‘Ħares hemm fuq lejn is-sema. Qed taraha s-sema?’
‘Mela inti ħsibtni xi għamja. Daż-żgur li qed naraha s-sema!’ wieġbet kważi bir-rabja Sara.
‘Qed tarah lil Alla fis-sema?’reġa’ staqsa Kevin.
‘Le’ wieġbet Sara.
‘Dak hu li kont qed nipprova ngħidlek. Lil Alla ma nistgħux narawh għaliex Alla mhuwiex hemm. Mela allura huwa possibbli li Alla ma jeżistix,’ ikkonkluda Kevin.

‘Stenna naqra’ hej’, qabżet Denise li s’issa kienet għadha ma qalet xejn. U dlonk daret lejn Sara u staqsietha: ‘Sara, qed tarah lil Kevin?’
Sara wieġbet: ‘Issa sew, ser tibda l-oħra. Daż-żgur li qed narah lil Kevin!’
‘Qed tarah moħħ Kevin?’ reġgħet staqsiet Denise.
‘Le’ kienet it-tweġiba ta’ Sara.
‘Allura, mill-istess raġunament ta’ Kevin, nistgħu ngħidu li wisq probabbli Kevin m’għandux moħħ!’

Huwa mportanti li timxi bil-fidi l-jiem kollha ta’ ħajtek, u mhux tipprova tirraġuna b’moħħok, għax taqa’ f’konklużjonijiet ħżiena u tiżbalja żgur.

---

Diversi ħbieb offrew donazzjonijiet għall-ispejjeż tal-fuljett.
Din il-ħarġa hi ddedikata għalihom.
Nirringrazzjawhom u nitolbu għalihom.

**Id-Direzzjoni**

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

*fuljett ta' kull xahar mahrug minn grupp ta' talb fost Il-Haddiema*

Nru. 346
Novembru 2008

# 'KIEKU' U 'FORSI'

*Editorjal*

Ħbieb,
Fl-Evanġelju ta' San Mark naqraw: "Is-sema u l-art igħaddu, imma kliemi ma jgħaddix". Kollox igħaddi, qalilna l-Mulej Ġesu. Kollox jispiċċa!

Kieku llum nirċievu telegramm indirizzat lilna, li jgħidilna:
"Il-lejla int se titlaq minn din id-dinja; kun lest..." iffirmat Ġesu' Kristu.

Kieku, x'inhi l-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħna? Forsi naħsbu kif tinsab il-kuxjenza tagħna ... naħsbu fuq dak li se nħallu warajna, fuq it-testment hux kollox sew,...forsi mmorru nqerru u nitqarbnu biex inkunu lesti,...kieku konna nsejħu l-għeżież tagħna biex ingawduhom ta' l-aħħar.

Aħna qed nitkellmu fuq il-"kieku" u l-"forsi". Imma dak il-waqt li aħna nħallu warajna dak li għandna biex nitilqu minn din id-dinja, dak hu mument li żgur se jiġi fuqna, se jiġi fuq kulħadd.

Il-ħajja tan-nisrani hija ħajja ta' stennija. Min jistenna bis-sabar, u min jistenna b'qalbu sewda. In-nisrani li jkun għamel dak li kellu jagħmel skond is-sejħa tiegħu, jistenna bil-ħerqa. Imma dak in-nisrani li dejjem ħalla għal għada dak li huwa msejjaħ li jagħmel, se jinħasad meta s-siegħa tiegħu tiġi għall-għarrieda.

Ma nħallux għal għada t-tajjeb li nistgħu nagħmlu llum.

# Rafel

***Illum ser nirrakkuntaw il-ħajja ta' qaddis li kellu ħajja mqallba, iżda t-trobbija tajba li kellu fi ċkunitu għenitu jerġa' lura fit-triq it-tajba. Dan kien San Rafel Kalinowski.***

## *Ambjent nisrani:*

Dan il-qaddis twieled fl-1 ta' Settembru 1835 go Vilna, il-belt kapitali tal-Litwanja. Missieru kien jismu Andrea, raġel ħabrieki u ta' fidi soda. Ommu, li kien jisimha Ġużeppa, mietet ftit wara t-twelid tiegħu. Tawh l-isem ta' Ġużeppi. Missieru kien jieħu ħsiebu biex jitla' f'ambjent nisrani u kien spiss jibagħtu fis-Santwarju tal-Madonna li kien immexxi mit-Tereżjani, u li kien tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mid-dar tagħhom.

## *Kriżi:*

Ġara, imma, li f'eta' żagħżugħa daħal fi kriżi spiritwali. Qata' l-qrar u t-tqarbin, u l-fidi tiegħu kważi spiċċat fix-xejn. Ta' għoxrin sena pprova jkellem tfajla bl-isem ta' Celine Gruzzewka, iżda ommha, li kienet taf sew lil Ġużeppi, ma ħallietx lit-tifla tagħha tkompli tkellmu. Hawn huwa ħass vojt kbir f'qalbu u kien spiss jilmenta li kien: 'marid moralment'.

## *Dwejjaq:*

Biex jipprova jtaffi d-dwejjaq li kellu, huwa daħal fl-armata Russa b'rank ta' Kaptan. Ġie assenjat xogħol is-Siberja. Kif ħassu daqshekk iżolat, huwa talab biex imur post ieħor. Bagħtuh f'Brest-Litowsk. Kien hawn li ħaseb u ntebaħ kemm kien aħjar meta kien jiffrekwenta t-Tereżjani. Dan kien propju l-bidu tal-bidla fil-ħajja ndifferenti li sa dak iż-żmien kien qed igħix Ġużeppi.

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli mill-paġna ta' qabel)*

## *Seħħet il-Bidla:*

F'Settembru 1863, mar iqerr u l-bidla seħħet. Irreżenja mill-armata Russa u mar lura Vilna. Beda jirsisti sabiex il-Litwanja teħles mir-Russja. Darba l-pulizija Russa arrestawh u ġie kkundannat għall-mewt. Il-familjari tiegħu appellaw mis-sentenza u meta nstab li din kienet wisq ħarxa, din bidluha f'għaxar snin ħabs fis-Siberja. Sakemm dam priġunier f'dak il-post kiesaħ, ħadem kemm felaħ biex jirranġa l-kundizzjonijiet tat-tfal u ż-żgħażagħ li kienu bħalu f'dak il-post. Meta għaddew l-għaxar snin, Ġużeppi mar lura pajjiżu u stqarr li għalkemm bata u marad meta kien is-Siberja, huwa ħadem bil-qalb għall-oħrajn.

## *Ordnat Saċerdot:*

Lura mal-familja tiegħu, huwa ltaqa' ma' Patri Wistin ta' Ġesu' Sagramentat, Tereżjan, li għenu ferm biex jiddeċiedi li jsir patri Tereżjan. Fl-1882, ġie ordnat saċerdot meta kellu 47 sena, u ngħata l-isem ta' Rafel. Il-missjoni tiegħu bħala patri kienet li jressaq ħafna erwieħ lejn Alla permezz tal-qrar. It-tbatijiet li kien sofra fis-Siberja affettwawlu saħħtu hekk li marad ħafna. Huwa miet fil-15 ta' Novembru 1907 fl-eta' ta' 72 sena. San Rafel Kalinowski jistqarr li dak li tgħallem meta kien żgħir għenu jdur lura lejn Alla.

The opposite of love is not hate, it's indifference.
The opposite of art is not ugliness, it's indifference.
The opposite of faith is not heresy, it's indifference.
The opposite of life is not death, it's indifference.

*Elie Wiesel (Oct. 1986)*

All glory comes from daring to begin.

*Eugene F. Ware*

# *Saltna f'qalbek*

Fost il-ħafna kitbiet ta' San Ġwann Battista de La Salle fuq suġġetti reliġjużi, nsibu meditazzjoni bl-isem: "Is-Saltna ta' Kristu". Hawn għandna silta minn din il-meditazzjoni.

"Jekk trid li Ġesu jgħinek tiġġieled kontra l-għedwwa li ma jħallux li s-Saltna tiegħu tgħix fik, inti jeħtieġ li tibni armati ta' virtujiet, li jżejnu ruħek u bl-għajnuna tagħhom inti tkun tista' taħkem lil qalbek.

Inti jeħtieġ ukoll li titqabad kontrihom taħt it-treġija ta' Ġesu, billi inti tuża l-istess mezzi li jipprovdilek – kif igħidilna San Pawl (Efesin 6: 14-17)

> *'Żommu sħaħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-verita', ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa ta' l-Evanġelju tas-sliem;*
> *Ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-ħażen;*
> *ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta' l-Ispirtu li hi l-Kelma ta' Alla'*

u b'hekk bħalma jgħid San Pawl, issa lil Kolossin (3:5):
*"il-paċi ta' Kristu ssaltan f'qalbkom"*

> Inti ssaltan Ġesu, għax timlieni bit-tama
> li fil-ġenna l-ħlas tiegħi jkun li nħobbok,
> Iva, nemmen u nittama li dan iż-żmien ta' ħidma
> jkollu bħala ksib il-hena ta' dejjem.

---

***Il-festa ta' Kristu Re din is-sena se tkun il-Ħadd 23 ta' Novembru, 2008***




# *Ħaffer il-qabar tiegħu stess*

Wolfgang Amadeus Mozart, wieħed mill-ġenji fil-qasam tal-mużika li qatt rat id-dinja, miet fl-1791.

Ftit qabel mewtu, wieħed sinjur avviċina lil Mozart u talbu jagħmillu mużika ta' quddiesa tal-mejtin. Dan urieh ix-xewqa li din kien jixtieqha li tkun lesta malajr kemm jista' jkun. Għalkemm f'idejh kellu ħafna xogħol, Mozart kien fil-bżonn tal-flus. Allura dlonk beda jaħdem fuq din il-mużika sagra. Stinka lejl u nhar, jaħdem u jirsisti sabiex ilesti dan ix-xogħol tant urġenti.

Mozart lesta din il-Quddiesa, imma s-sinjur li qabbdu jiktiblu dil-mużika ma deherx, avolja l-kompożitur tħabat biex isibu. Wara ftit jiem, Mozart tah attakk tal-marda kiefra li rikbitu...u miet. Kellu biss ħamsa u tletin sena. Ta' min igħid li l-Quddiesa li Mozart kien għadu kif lesta, ndaqqet għall-ewwel darba fil-funeral tiegħu stess. Fi kliem ieħor, nistgħu ngħidu li Mozart qisu "ħaffer il-ħofra tal-qabar tiegħu".

Kemm hawn minna li, bħal Mozart, qed inħaffru l-ħofra tal-qabar tagħna stess, bla ma qed nindunaw ... ġietna okkażjoni li nagħmlu l-flus, u ntfajna naħdmu sahra fuq sahra. Ninsew saħħitna u l-mistrieħ; ninsew il-familja u 'l uliedna. Inħossuna bla nifs, irridu nlaħħqu ma' kollox. Il-ħin kollu għaddejjin, hekk li nintlew b'salt nervi u tensjoni.

STOP! Hemm bżonn li nieqfu u naħsbu ftit: bix-xogħol kollu li qed nagħmlu, x'qed ingawdu minn dak kollu li Alla pprovdielna?

# Mietet ... *kif għexet*

Fir-raħal ċkejken ta’ Pozzaglia, fl-Italja, fis-27 ta’ Marzu 1864, twieldet tifla lill-familja Pietrantoni, u tawha l-isem ta’ Olivia, li wara bdew isejħulha bħala Livia.

Sa minn tfulitha spikka fiha spirtu ta’ mħabba, u meta kibret, saret xebba ta’ tjubija kbira. Il-karita’ kienet il-karatteristika tipika tagħha. Kellha xewqa kbira li tingħata kollha kemm hi lil Alla, u li tkun qaddejja tal-morda u l-fqar.

Din il-ħolma tagħha bdiet issir rejalta’ fit-23 ta’ Marzu 1886, meta daħlet soru fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karita’ ta’ Santa Giovanna Antida Thouret, u tawha l-isem ta’ Agostina. Dan kollu ġara meta kellha kważi 22 sena.

Fil-ħidma tagħha fost il-morda fl-Isptar Santo Spirito, f’Ruma, is-soru Agostina kienet mimlija b’dedikazzjoni profonda, avolja f’dan l-isptar l-atmosfera kontra r-Reliġjon kienet ħarxa. Agostina kont dejjem issibha viċin tal-marid bi tbissima, b’kelma ta’ faraġ, u fuq kollox b’xewqa ġenwina li tressaq lill-marid lejn Alla. Għarfet tgħix il-ħajja ta’ soru tal-Karita’, fil-komunita’ u fost il-morda, fis-skiet u f’għaqda sħiħa mal-Mulej. Kellha konvinzjoni waħda: li qatt ma tista’ tagħmel biżżejjed għall-Maħbub Ġesu’.

Hekk għexet ħajjitha, li ġiet maħsuda ħesrem fl-aħjar tagħha, minn id qattiela. Dan ġara fit-13 ta’ Novembru 1894, meta delinkwent magħruf, Giuseppe Romanelli, pazjent regolari fis-sala tagħha, ma felaħx iżjed għat-tjubija tagħha, u b’rabja kbira taha seba’ daqqiet ta’ sikkina u ħalliha mgħarrqha f’demmha stess, fl-eta ta’ 30 sena.

Mietet kif għexet...fis-silenzju ssejjaħ l-għajnuna ta’ Ommna Marija, filwaqt li tlissem kliem ta’ maħfra għall-qattiel tagħha. Santa Agostina Pietrantoni ma beżgħetx tħallas il-prezz ta’ l-Imħabba. Il-Papa Pawlu VI għamilha beata u l-Papa Gwanni Pawlu II ddikjaraha qaddisa fit-18 ta’ April 1999.

# Tifkira

*Naraw ftit kif bdiet it-tradizzjoni tant għażiża ta' jum it-Tifkira tal-Mejtin Kollha.*



San Ġwann Kriżostmu kien igħallem: "Ħa ngħinu l-mejtin u niftakru fihom. Għaliex għandna naħsbu li l-offerti tagħna għall-mejtin mhux se jiksbulhom xi faraġ? Ma noqogħdux naħsbuha biex ngħinu lil dawk li ġa telqu u noffru talb għalihom".

It-talb għall-mejtin ilu mill-bidu tal-Knisja. Isemmieh Tertuljanu fis-Seklu II u bħalu San Ċiprijanu, Isqof ta' Kartaġni, li miet fis-sena 258.

L-ideja ta' "tifkira tal-mejtin" kompliet tikber. Fis-sena 800 sar ftehim bejn il-monsateru ta' San Gall u ta' Reichenew dwar is-suffraġji tal-membri mejtin ta' xulxin. Barra mit-talb għal kull membru meta tasal il-bxara ta' mewtu, iż-żewġ komunitajiet ftehmu li fl-14 ta' Novembru ta' kull sena, issir tifkira tar-reliġjużi taż-żewġ kunventi.

Fis-sena 998, San Odilo, abbati tal-monasteru ta' Cluny, ordna li l-membri tiegħu josservaw it-tieni ta' Novembru bħala "Jum it-Tifkira ta' l-Insara Mejtin" kollha bl-Uffizzju tal-Mejtin u bil-Quddies tal-Mejtin. Din id-drawwa qaddisa xterdet matul is-Sekli IX u X.

Din id-devozzjoni sabiħa għaddiet minn Cluny għal monsateri oħra. L-ewwel Djoċesi li addottat dan l-użu kienet dik ta' Lieġi, fil-Belġju. Minn hemm din id-devozzjoni xterdet fil-Punent kollu, iżda kien għad m'hemmx l-approvazzjoni minn Ruma.

Fil-bidu tas-Seklu XX, il-privileġġ li kull saċerdot jista' igħid tliet quddisiet ġie mogħti l-ewwel lil Spanja, lil Portugall, u lill-Amerika Latina. Iżda waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, fl-1915, il-Papa Benedittu XV fetaħ dan il-privileġġ – ta' tliet quddisiet fit-2 ta' Novembru – għall-Knisja kollha tal-Punent.

*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom jistrieħu fis-sliem. Amen.*

# Niftakru fit-talb tagħna ...



… fir-ruħ ta' JEAN D'ARC SCIBERRAS, li tiġi omm Mario Sciberras li jaħdem fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni;

… fir-ruħ ta' CHARLES FORMOSA, li jiġi missier Charmaine Galea li taħdem fid-Direttorat tal-People Management fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali;



**Il-Vanġeli jippreżentawlna lill-Maħbub Ġesu bħala …**

*Il-Mulej*
Hekk sejjaħlu Tumas:
'Mulej tiegħi u Alla tiegħi!'

*Il-Ħabib*
Hekk ġab ruħu fil-ġrajja tal-qawmien ta' Lazzru.

*Is-Surmast*
L-Imgħallem ta' Iżrael, kif sejjaħlu Nikodemu.

*It-Tabib*
Dak li jfejjaq. Fil-fatt 25% tal-Vanġeli jippreżentawh bħala dak li jfejjaq mill-mard.

# Niżżel fid-Djarju tiegħek



**Il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru 2008**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Ikollna quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt, fin-12.35pm, waqt il-ħin tal-break;

**Il-Ħadd, 16 ta' Novembru 2008**
Ġurnata mal-Mulej
Ikollna jum ta' ġabra flimkien mal-Mulej u magħkom ħbieb tagħna. Aktar dettalji dwar dan l-Irtir issibuhom hawn taħt;

**Il-Ħadd, 23 ta' Novembru 2008**
Festa ta' Kristu Sultan
F'dan l-aħħar Ħadd tas-~Sena Liturġika, nersqu lejn Ġesu' biex inqimuh bħala s-Sultan tagħna.

---



# Reġa' wasal l-Irtir !

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Novembru 2008, se jkollna Irtir ta' ġurnata apposta għalikom ħbieb tagħna.

Aktar dettalji:
Post: St. Joseph Retreat House, Rabat Malta;
Imexxi l-Irtir: Ser jerġa' jkollna lil Patri Klement Azzopardi, Tereżjan;
Ħin: L-Irtir jibda għad-9.15 a.m. u jispiċċa għall-ħabta tat-3.00 p.m. u ser jinkludi fih Quddiesa;
Prezz: €12 li jinkludu t-te' ta' filgħodu, l-ikla ta' nofs in-nhar u l-użu tal-post.

Jekk inti nteressat ikteb fl-indirizz li jidher fuq il-qoxra ta' wara tal-fuljett, jew ċempel fuq in-numru tat-telefon 21440384.

# Rokna Ċajt

Il-manager sejjaħ lil wieħed impjegat tiegħu fl-uffiċċju u qalhielu bil-pulit: 'Borg, ma nafx kif sejrin ngħaddu mingħajrek, imma minn nhar it-Tnejn li ġej sejrin nippruvaw.'

---

Ġuvni: Skużi, Sinjur, jiena n-namrat tat-tifla tiegħek.
Raġel: Allura?
Ġuvni: Kif … ma tgħidli xejn?
Raġel: Xi tridni ngħidlek, ibni, oqgħod fil-queue!

---



Mela kien hemm wieħed raġel li kull meta kien ikun il-każin u jixrob xi grokk whisky, kien dejjem jagħlaq għajnejh. Darba minnhom is-sid tal-bar staqsieh għalfejn kien jagħlaq għajnejh meta jixrob il-whisky. Ir-raġel wieġbu pront pront li t-tabib kien qallu biex ma jħarisx lejn xorb iktar.

'X'għamilt b'dak il-ktieb: Kif Tgħix Mitt Sena?,' staqsiet mara lil żewġha.
'Taħseb li jien se nħallih jiġri 'l hawn u 'l hinn fid-dar, meta ommok dieħla u ħierġa?'


Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:
Paul Schembri
73 'Terezita', Triq Birbal, Balzan BZN 9015
Tel: 21440384
e-mail: it-triq@camline.net.mt
url: www.it-triq.org